## QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XLV**
**Illum it-Tnejn, 30 ta' April, 2001**

**Appell Nru 4/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Ciscaldi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Ciscaldi talli fis-17 ta' Ottubru, 2000 ghall-habta tas-7.00 p.m. waqt li kien f'Nazzareno Street, Paola, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Local Warden No. G. 125 Ian Formosa, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dana s-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Dicembru, 2000, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Ciscaldi hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u lliberatu skond id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur mid-data ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imemmi Joseph Ciscaldi, minnu ppresentat fis-26 ta' Dicembru, 2000, li permezz tieghu talab ir-tevoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-26 ta' April, 2001; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li hu ma kellu x'jaqsam xejn f'din il-kwistjoni. F'din il-kawza hemm biss zewg xhieda: il-Gwardjan Lokali Formosa, li jghid li hu jaghraf lill-appellant bhala l-persuna li kienet ghaddejja f'vettura u insultatu u anke qaltlu xi kliem ta' theddid waqt li hu (Formosa) kien qed jaghmel citazzjoni lil persuna ohra; u l-appellant, li jichad kategorikament

li kien hu li kien involut fl-incident. L-appellant jikkontendi – u dan ikkonfermah bil-gurament – li l-vettura, li n-numru taghha innutah Formosa, kienet wahda mid-diversi karozzi li huwa jikri, u li dik il-gurnata l-imsemmija vettura kienet proprju mikrija ghand haddiehor. Formosa, minn-naha tieghu, jghid li hu certi li l-persuna li kienet qed issuq il-vettura kienet l-appellant ghax din il-persuna f'certu mument harget rasha mit-tieqa hija u tindirizzah.

Il-kwistjoni, ghalhekk, hi wahda ta' kredibbilita`. Kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax facilment id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel qorti f'dak li hu apprezzament tal-provi. Jekk din il-Qorti tkun tal-fehma li l-ewwel qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha, din il-Qorti ma tirrimpjazzax il-gudizzju ta' l-ewwel qorti bil-gudizzju taghha. Fil-kaz in dizamina, din il-Qorti kellha l-opportunita` li tisma' liz-zewg xhieda, u ghalhekk setghet tapprezza, fost affarijiet ohra, il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda. Wara li hasbet fit-tul din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha takkolji l-appell, u dan ghar-raguni li ma tistax tara kif Formosa jista' jkun hekk cert, kif jghid li hu, mill-identifikazzjoni ta' l-appellant meta dan kullma ra kien ras is-sewwieq, ghal ftit sekondi, u bil-vettura (li fiha kien is-sewwieq) miexja (ghalkemm bil-mod). Formosa ikkonferma li lill-appellant ma kienx jafu qabel, u jidher li hu aktar ikkoncentra fuq li jiehu n-numru tal-vettura milli jipprova jimmemorizza xi dettal dwar il-persuna li kienet qed issuq. Ma jirrisultax li hu ta xi deskrizzjoni tas-sewwieq lill-pulizija – u din il-Qorti tifhem li Formosa anqas biss kien f'posizzjoni li jaghmel hekk. Din il-Qorti pjuttost tikkonkludi li Formosa qed jghid li hu cert li l-appellant kien is-sewwieq tal-vettura in kwistjoni ghas-semplici raguni li meta ghamel il-verifiki tieghu sab li dik il-vettura ssejjah lill-appellant.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni htija w piena.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur